

ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar il-limiti ta' esponiment fuq ix-xogħol (OELs)

F'Jannar 2019, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea (DĠ EMPL) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi qablu li l-Aġenzija għandha tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar il-limiti ta' esponiment fuq ix-xogħol (OELs) prijoritarji skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol (OSH).

L-OELs huma valuri regolatorji stabbiliti fuq livell tal-UE u dak nazzjonali li jistabbilixxu livell sigur ta' konċentrazzjoni għal sustanza kimika fl-arja ta' post tax-xogħol. Dawn jgħinu lill-impjegaturi biex jipproteġu lill-ħaddiema tagħhom minn riskji possibbli meta jintużaw sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol u biex jiżguraw li l-ħaddiema ma jkunux esposti għal livelli mhux siguri ta' sustanzi kimiċi perikolużi. L-għan aħħari hu li titjieb il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

Il-leġiżlazzjoni dwar l-OSH għandha l-għan li tipproteġi lill-Ewropej fuq il-post tax-xogħol, irrispettivament minn jekk ikunux esposti għall-istorbju, l-ergonomija ħażina fuq il-post tax-xogħol, l-istress psikoloġiku jew is-sustanzi kimiċi. It-teħid ta' azzjoni dwar sustanzi kimiċi li jagħmlu ħsara hija parti sinifikanti tal-politika dwar l-OSH fl-UE u qasam prijoritarju għall-protezzjoni tal-ħaddiema.

L-istabbiliment tal-OELs jinkludi konsultazzjonijiet estensivi ma' diversi partijiet ikkonċernati; impjegaturi, ħaddiema u awtoritajiet tal-Istati Membri. L-appoġġ sħiħ u s-sjieda tas-sħab soċjali u l-gvernijiet huma essenzjali wkoll biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva.

## Ir-rwol tal-ECHA

L-ECHA u l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) tagħha jagħtu parir meta jiġu vvalutati sustanzi kimiċi prijoritarji. Dan jappoġġa l-ħidma tal-Kummissjoni skont id-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni (CMD) u D-Direttiva dwar l-Aġenti Kimiċi (CAD) rigward azzjonijiet proposti għall-adozzjoni ta' OELs ġodda jew riveduti. L-ECHA għandha għarfien espert sostanzjali internament fil-qasam tas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, u saħħet l-għarfien espert tar-RAC f'dan il-qasam.

Il-qbil bejn il-Kummissjoni u l-ECHA jeħtieġ li l-Aġenzija tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi għal mhux aktar minn ħames OELs fis-sena għal tliet snin li jibdew mill-2019. Informazzjoni aġġornata dwar is-sustanzi mitluba li jiġu vvalutati u l-opinjonijiet tar-RAC jistgħu jinstabu fuq il-il-paġni tas-sit web tal-ECHA dwar l-OELs.

Qabel il-qbil attwali bejn il-Kummissjoni u l-ECHA, sar proġett pilota mill-2017 sal-2018 fejn l-ECHA tat opinjonijiet dwar l-OEL rigward ħames sustanzi karċinoġeni. It-tieni Rieżami ta' REACH ipprop ona punti ta' azzjoni biex titjieb l-interfaċċa bejn REACH u l-leġiżlazzjoni dwar l-OSH, u ġiet stabbilita task force konġunta magħmula mir-RAC tal-ECHA u l-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol (SCOEL) tad-DĠ EMPL biex jitjieb il-fehim reċiproku ta' approċċi differenti u biex issir ħidma dwar approċċi xjentifiċi komuni maqbula.

## Il-kompiti tal-ECHA u tar-RAC

Il-Kummissjoni tiddeċiedi liema sustanzi jeħtieġu OELs. Id-deċiżjonijiet dwar is-sustanzi prijoritarji jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma tripartitiku dwar is-Sustanzi Kimiċi li jinkludi esperti mill-Istati Membri kif ukoll rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema.

L-OELs jiġu stabbiliti billi jiġi segwit proċess gradwali. Meta l-Kummissjoni tassenja sustanza lill-ECHA għall-valutazzjoni, l-Aġenzija tħejji rapport xjentifiku għar-RAC abbażi tad-data xjentifika disponibbli u kwalunkwe informazzjoni relevanti miġbura permezz ta' sejħa għal evidenza. Imbagħad ir-rapport jinfetaħ għal konsultazzjoni.

Ir-RAC jiżviluppa l-opinjoni tiegħu abbażi ta' rieżami tar-rapport xjentifiku tal-ECHA u l-informazzjoni miġbura permezz tal-konsultazzjoni. Matul il-proċess ta' żvilupp tal-opinjoni, ir-rapport xjentifiku tal-ECHA jifforma Anness li jappoġġa l-opinjoni tar-RAC li tintbagħat lill-Kummissjoni.

**1 Għażla ta' kimiċi għal Evalwazzjoni Xjentifika**
Id-DĠ EMPL jistabbilixxi listi ta' prijoritajiet għal evalwazzjoni xjentifika bbażati fuq l-inputs minn diversi sorsi u l-applikazzjoni ta' kriterji ta' prijorità.

**2 Rakkomandazzjoni Xjentifika**
Id-DĠ EMPL joħroġ mandati lill-kumitat xjentifiku, li se jagħti bħala regola r-relazzjonijiet bejn ir-riskji u l-esponiment (ERR) għal karċinoġeni mhux relatati mal-limitu massimu, jew limitu prattiku meta jkun possibbli. Ir-Rakkomandazzjonijiet Xjentifiċi huma soġġetti għal konsultazzjoni esterna qabel l-adozzjoni.

**3* WPC-ACSH**
Il-grupp ta' Ħidma dwar is-Sustanzi Kimiċi (WPC) jiddiskuti r-Rakkomandazzjoni xjentifika u diversi kwistjonijiet ta' fattibbiltà u joħroġ b'suġġeriment ibbażat fuq kunsens għall-valur tal-OEL. Dan huwa integrat f'abbozz ta' opinjoni għall-adozzjoni mill-Plenarja tal-ACSH.

**4 Valutazzjoni tal-Impatt (IA)**
Id-DĠ EMPL jabbozza l-IA li jkun fiha għażliet ta' politika u impatti assoċjati. L-IA tiġi diskussa fi ħdan Grupp ta' Tmexxija Bejn is-Servizzi u tiġi ppreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB). Hija meħtieġa tweġiba pożittiva.

**5 Abbozz ta' proposta leġislattiva**
Id-DĠ EMPL iħejji l-abbozz ta' proposta leġislattiva u jippreżentaha għall-konsultazzjoni bejn is-servizzi. Wara dan, jitħejja abbozz finali ta' proposta leġislattiva.

**6 Kulleġġ tal-Kummissarji**
Il-Kulleġġ tal-Kummissarji jadotta l-proposta u jibgħatha lill-Kunsill u lill-Parlament għan-negozjati u għall-adozzjoni sussegwenti. Bħala Direttiva.

**7 Direttiva adottata ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE**
L-Istati Membri ser jittrasponu t-test legali fil-leġislazzjoni nazzjonali sad-data stabbilita fid-Direttiva.

## Il-kompiti tal-Kummissjoni

Id-DĠ EMPL jiddiskuti l-eżitu tal-valutazzjoni xjentifika tar-RAC fil-Grupp ta' Ħidma tripartitiku dwar is-Sustanzi Kimiċi li jħejji abbozz ta' proposta li għandha tiġi ppreżentata għall-adozzjoni lill-Kumitat ta' Konsulenza tripartitiku dwar is-Sigurtà u s-Saħħa. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tadotta proposta leġiżlattiva.

Għal-limiti vinkolanti ta' esponiment fuq ix-xogħol skont is-CMD jew is-CAD, tiġi segwita l-proċedura leġiżlattiva ordinarja fejn il-proposta tintbagħat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew għall-adozzjoni finali. Il-limitu vinkolanti jipprovdi livell minimu ta' protezzjoni għall-ħaddiema kollha fl-UE, u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu limitu vinkolanti korrispondenti li ma jaqbiżx il-valur tal-UE.

Għal-limiti indikattivi ta' esponiment fuq ix-xogħol skont is-CAD, tiġi applikata proċedura leġiżlattiva eħfef u tittieħed deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Dan il-limitu huwa bbażat fuq is-saħħa u stabbilit għal sustanzi li għalihom huwa possibbli li jiġi stabbilit livell fejn m'għandu jkun hemm l-ebda riskju għas-saħħa tal-ħaddiema. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valur nazzjonali korrispondenti ta' limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol li jqis il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali, kif ukoll il-valur tal-UE.

